MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 34/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Claudia Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda nhar l-4 ta' Novembru 2010, nhar is-6 ta' Novembru 2010, nhar l-20 ta' Novembru 2010, nhar it-22 ta' Novembru 2010, nhar l-24 ta' Novembru 2010, nhar is-27 ta' Novembru 2010 u nhar id-29 ta' Novembru 2010 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Larry Muscat għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 338(II), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-appellanti ħatja u għaldaqstant ikkundannatha twiddiba u ċanfira.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2011, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokha in kwantu sabitha ħatja ta' l-akkuża kif migjuba kontriha u konsegwentement tilliberha minn kull piena u ħtija skont il-ligi, u f'każ li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellanti talbet li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li l-appellanti naqset milli tonora l-obbligu nexxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-10 ta' Mejju 2007, ossia li tħalli lill-missier il-minuri Larry Muscat jezercita l-access tieghu vis-a-vis binthom. Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-agir ta' l-appellanti kien unikament dirett lejn l-aħjar interess ta' bintha, li kemm-il darba l-minuri se tigi esposta ghall-preżenza ta' missierha din se tkun possibilment esposta ghall-okkażjonijiet ohra ta' abbuż fiżiku, kif ukoll għall-kliem hażin u dagħa, li żgur mhux se jħallu effett tajjeb fuq l-istess minuri, u għaldaqstant fid-dawl tal-premess wieħed ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni li l-appellanti kellha raġuni valida għaliex tiċħad l-aċċess ta' missier il-minuri;

2. Illi l-appellanti ħadet dawk il-miżuri kollha sabiex l-interessi tal-minuri jiġu salvagwardjati, kif ukoll sabiex l-

istess minuri tkun protetta minn kull ħsara li tista` tigi nflitta fuqha;

3. Illi fuq kollox, ir-rapport ta’ l-Avukat tat-Tfal li sar magħruf lill-appellanti wara d-data tad-deċiżjoni ta’ l-Ewwel Qorti jagħti raġun lilha fis-sens li Dr. Stephanie Galea tat parir li l-minuri tara lil missierha fil-preżenza ta’ terzi;

4. Illi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva u sproporzjonata. L-appellanti tixtieq li bl-akbar umilta` tissottometti li l-piena inflitta kienet eċċessiva.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

Skont ix-xhieda ta’ Larry Muscat, l-appellanti naqset li ttih aċċess għat-tifla fid-diversi dati msemmija fiċ-ċitazzjoni. Skont Larry Muscat, l-appellanti ġabet skuża li hu kien ġibed xagħar it-tifla. Kull darba li kien imur għand omm l-appellanti huwa ma kienx jagħtiha t-tifla. L-appelalnti kienet ġabet diversi skużi għala ma kinitx qed ittih aċċess għat-tifla. Huwa nnega li kien ġibed xagħar it-tifla. Issa kien qed jara lit-tifla l-Appoġġ. Huwa qal ukoll li kien hemm kawża kontrih li għadha ma nqatgħetx. L-appellanti lanqas biss kienet taqbad il-mobile meta jċemplilha.

Fil-kontro-eżami huwa ċaħad li huwa kien qal li ġibed xagħar it-tifla meta kien qed jixhed quddiem l-ewwel Qorti. Ix-xhud qal li bil-ħniena kien igergrilha lit-tifla, aħseb u ara jiġbidlha xagħarha. It-tifla kienet tidħol fil-kamra tiegħu jew biex jaraw it-televixin jew biex jilagħbu bit-toys. Meta kien mistoqsi dwar xi tpinġijiet li hemm fuq Facebook, huwa qal li xi ħadd kien ittegjahomlu u huwa ipprintjhom.

Xehdet ukoll l-appellanti li qalet li l-aċċess kienet ittih regolari. Iżda mbagħad it-tifla kienet qaltilha li Larry Muscat kien ġibed xagħar it-tifla xi erba' darbiet. Hija kienet għamlet rapport l-għassa. Hija kienet waqqfet l-aċċess biex tipproteġi lit-tifla. It-tifla għarrfitha li kein ġebbdiha l-kuritur kolu u reġa' daħħalha fil-kamra minn xagħarha.

Il-Qorti rat l-affidavits u l-okkorrenzi esibiti.

Il-Qorti rat ukoll il-kuntratt tal-10 ta' Mejju 2007, fej, a fol 18, paragrafu 5, sub-pargarafu iv hemm indikat meta l-missier kellu jkollu l-aċċess għat-tifla.

Rat ukoll l-artikolu 338(ll) tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

'meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk **mingħajr raġuni xierqa**.'

M'hemmx dubju li jeżisti l-kuntratt msemmi fil-kontravenzjoni. Għalhekk l-appellanti hija marbuta b'dan. Min-naħa l-oħra trid teżisti wkoll ir-raġuni xierqa biex wieħed ikun jista' jkun liberat minn din il-kontravenzjoni. L-appellanti tissottometti li hija waqfet tagħti l-aċċess meta bintha għarrfitha li l-missier kien qed jiġbidlha xagħarha. Hija għarrfet lill-Qorti wkoll li issa l-missier qed jara lil bintu taħt superviżjoni fl-Appoġġ.

Meta qieset dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija moralment konvinta mir-raġuni mogħtija mill-omm. L-omm aġixxiet fl-aħjar interess tat-tifla u biex tipproteġi lit-tifla. Mhix temmen il-verżjoni mogħtija mill-missier. Għalhekk qed tilqa' l-appell u qed tirrevoka s-sejbien ta' ħtija u t-twiddiba mogħtija fis-sentenza tas-17 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet premessi u li ġġib n-umru 20 fuq in-naħa tax-xellug taċ-ċitazzjoni u konsegwentement qed teħles lill-appellanti minn kull ħtija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------